**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' Mejju 2022**

**Rikors nru : 166/2022 AGV fl-ismijiet;**

**KB**

V

**KB A**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-RIKORS ta' KB**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:

1. Illi l-kontendenti kienu zzewgu nhar id-disgha t'Ottubru tas-sena elfejn u hdax (09/10/2011) u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal, P nhar l-ghaxra ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (10/12/2012), J nhar it-tmintax ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (18/05/2015) u t-tewmin C u L nhar it-tmienja t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (08/08/2017).

2. Illi l-partijiet ottjenew separazzjoni bonarja permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Maria Roberta Galea Mamo ppublikat nhar id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021).

1. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* min Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020).

2. Illi assolutament m'hemm ebda pendenzi dwar hlas ta' manteniment jew kwistjonijiet ohra bejn il-partijiet ta' kwalsijasi natura.

3. Illi l-esponent iddiskuta mal-avukat tieghu, l-Avv. Timothy A. Bartolo, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u inghata minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin u kkonkluda li m' hemm assolutament ebda prospett ghal rikonciljazzjoni.

4. Illi m'hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u z-zewg kontendenti llum ghandhom hajja gdida mas-sieħba godda rispettivi taghhom.

5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogobghha tiddikjara illi z-zwieg tieghu mal-intimata KB A hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-konvenuta mhux qed toggezzjona ghat-talba tad-divorjzu u talbet li tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe 'A' .

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tilqa' it-talba tal-kovenuta u tordna li tirrveri ghalkunjom xbxitha u cjoe **A**

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**